Supplement tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 14,159, 15 ta' Lulju, 1983
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XII ta' l-1983

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni għall-proċessar ta' persuni akkużati b'reati kontra l-Att ta'l-1947 dwar il-Provvisti u Servizzi u regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu.

ACT No. XII of 1983

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to establish the jurisdiction for the trial of persons charged with offences against the Supplies and Services Act, 1947 and regulations made thereunder.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

15 ta' Lulju, 1983

ATT Nru. XII ta' l-1983

ATT biex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni għall-proċessar ta' persuni akkużati b'reati kontra l-Att ta' l-1947 dwar il-Provvisti u Servizzi u regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1983 dwar il-Provvisti u Servizzi (Ġurisdizzjoni dwar Proċedimenti Kriminali).

Ġurisdizzjoni.
Att IV ta' l-1947
Kap. 12

2. Ir-reati kollha kontra l-Att ta' l-1947 dwar il-Provvisti u Servizzi, u kontra kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu li jkunu saru wara d-9 ta' Diċembru, 1982, għandhom jiġu pproċessati mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja, u, safejn ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw għal proċedimenti quddiem dik il-Qorti u għal proċedimenti għal appell minn kull deċiżjoni ta' l-imsemmija Qorti:

Iżda proċedimenti jistgħu jinbdew f'kull żmien sa sena mill-egħmil tar-reat:

Iżda wkoll l-Avukat Ġenerali dejjem ikollu l-jedd għal appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja.

Proċedimenti pendenti quddiem it-Tribunal għall-Kontroll tal-Prezzijiet.

3. (1) Il-każijiet kollha li, fit-28 ta' Ġunju, 1983, kienu pendenti quddiem it-Tribunal imsemmi fir-Regolamenti ta' l-1982 dwar it-Twaqqif ta' Tribunal għall-Kontroll tal-Prezzijiet, revokati b'dan l-Att, għandhom, minkejja dik ir-revoka, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, jitqiesu li nbdew quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar proċedimenti quddiem dik il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li huma pendenti quddiem l-imsemmija Qorti fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u li f'dik id-data aġġornati *sine die* mill-imsemmija Qorti.

(2) Kull akkuża għal xi reat li tkun saret qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att taħt id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti revokati b'dan l-Att, u kull taħrika maħruġa dwarha, għandhom minkejja dik ir-revoka, jitqiesu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, li jkunu saru jew inħarġu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, u kull riferenza għat-Tribunal għall-Kontroll tal-Prezzijiet li tinsab fihom għandha tinqara u tiftiehem bħala riferenza għall-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja. Akkużi u taħrikiet.

4. Ir-Regolamenti ta' l-1982 dwar it-Twaqqif ta' Tribunal għall-Kontroll tal-Prezzijiet huma b'dan revokati. Revoka tar-Regolamenti ta' l-1982 dwar it-Twaqqif ta' Tribunal għall-Kontroll tal-Prezzijiet.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 119 tat-12 ta' Lulju, 1983.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati